MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1654/2002

**Kevin Schembri**

**Vs**

**Carmelo Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm312.44), rapprezentant hlas dovut ghal panel beating u parts li twahhlu fuq il-vettura tal-konvenut tat-tip Ford Escort GAL 746.

Ra r-risposta li pprezenta l-konvenut u li permezz taghha ecepixxa li:

a. Huwa qatt ma ta struzzjonijiet lill-attur sabiex isewwi l-vettura;

b. L-ammont pretiz huwa wiehed eccessiv.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) Il-konvenut kien involut f’incident tat-traffiku bil-vettura tal-marka Ford Escort GAL 746.

(b) Huwa ha l-vettura fil-garaxx ta’ l-attur u ghamillu premura sabiex isewwi l-hsara qabel ma jerga’ jidhol lura ghax-xoghol mis-*shutdown* tas-sajf. Pero qallu wkoll li qabel ma jsir is-survey fuq il-vettura tieghu ma jibdiex bix-xoghol. Minn kliem il-konvenut stess altru milli rrrizulta li huwa kien ta struzzjonijiet lill-attur sabiex isewwi l-vettura.

(c) Il-vettura ssewwiet mill-attur (bl-eccezzjoni ta’ l-ispray), u l-konvenut irtira l-vettura mill-garaxx ta’ l-attur.

(d) Il-konvenut xehed li: ***“jiena fhimt illi l-fatt li mar is-surveyor biex jaghmel is-survey report fuq il-karrozza kienet ser tiehu hsieb kollox l-insurance u jiena ma nkun involut f’xejn”*** [xhieda moghtija fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2002].

(e) Il-konvenut kien mar f’xi okkazzjonijiet biex jara l-progress tax-xoghol fuq il-vann u qatt ma waqqaf lill-attur milli jkompli bix-xoghol. Pero’ l-attur jikkonferma li l-konvenut kien qallu li l-insurance ser taghmel tajjeb ghat-tiswija. Madankollu, wara li tlesta x-xoghol fuq il-vann u l-attur ikkomunika ma’ l-insurance huwa gie mgharraf li ebda hlas ma kien ser isir. Kien f’dan il-punt li l-attur talab il-hlas minghand il-konvenut (xhieda tal-attur in kontro-ezami – seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002).

2. X’seta’ fehem il-konvenut mhuwiex daqstant rilevanti ghas-soluzzjoni ta’ dan il-kaz. Huwa fatt inkontestat li t-tiswija fuq il-vettura saret mill-attur u l-konvenut ha beneficcju mix-xoghol li sar. Fic-cirkostanzi l-konvenut kellu obbligu li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. Jekk wiehed kellu jargumenta mod iehor ikun ifisser li l-konvenut ikun qieghed jarrikixxi ruhu ndebitament a skapitu ta’ haddiehor (igifieri l-attur).

3. It-Tribunal jirrileva wkoll li bejn dak li:

- xehed il-konvenut; u

- jinghad fl-ittra mibghuta mill-avukat ta’ fiducja tieghu [datata 11 ta’ Mejju 2001 – Dok. CC1] u fl-ewwel eccezzjoni tar-risposta li giet prezentata mill-konvenut

hemm divergenza peress li l-ewwel argumenta li qatt ma ta struzzjonijiet lill-attur biex isewwi [il-provi juru mod iehor] u mbaghad biddel il-verzjoni u xehed li kien ghamel premura sabiex ix-xoghol jitlesta qabel ma jerga’ jidhol ghax-xoghol u li l-insurance kienet ser taghmel tajjeb ghall-ispejjez.

4. B’riferenza ghall-*quantum* reklamat mill-attur, ma tressqet l-ebda prova li l-hlas pretiz huwa eccessiv. Anzi mill-provi rrizulta li l-ammont mitlub huwa gustifikat (ara f’dan is-sens id-dokumenti ezebiti a fol. 12 u 13 tal-process).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u tnax-il lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm312.44), bl-imghax b’sehh min-notifika ta’l-ittra ufficjali datata 25 ta’ April 2001.

L-ispejjez ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------